MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' April, 2003

Emily Mifsud
vs
Direttur tad-Dipartiment tas-Sahha u b'digriet tat-28 ta' Settembru 1999 gie korrett ghal Tabib Principali tal-Gvern

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1988/1991 ir-rikorrenti sofriet ingustizzja f'li giet moghtija trasferimenti vendikattivi u minghajr qatt ma nghatat raguni ghaliex saru dawn it-trasferimenti maghha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor, illi r-rikorrenti dahlet tahdem mad-Dipartiment tas-Sahha fl-1973, fil-grad ta' Enrolled Nurse, u dan wara li kienet ghamlet kors ghal dan ix-xoghol, liema kors dam sejjer sentejn u tliet xhur. Illi r-rikorrenti kienet stazzjonata f'Has-Serh fejn ghamlet

madwar tliet snin. Illi fl-1981 ir-rikorrenti kienet bdiet tahdem fis-Surgical Out Patients. Fl-1984 ir-rikorrenti kienet giet maghzula biex tmur tahdem fil-Mosta Health Centre, wara li kienet saret talba biex jizdied l-istaff.

Illi wara l-elezzjoni generali tal-1987, ir-rikorrenti giet trasferita lura ghas-Surgical Out Patients, u dan minghajr raguni ta’ xejn. Illi wara li ghamlet oggezzjoni ghal dan it-trasferiment ir-rikorrenti giet offruta li tmur il-Cospicua Health Centre.

Illi minhabba li r-rikorrenti kellha certifikat mediku biex kemm jista’ jkun tevita li tuza t-trasport pubbliku u anke minhabba li hija ma kellhiex mezz ta’ trasport personali taghha, ir-rikorrenti kellha terga’ tmur lura s-Surgical Out Patients. Illi wara tmien xhur fis-Surgical Out Patients, ir-rikorrenti regghet giet trasferita din id-darba ghal ma’ l-MMDNA biex hija taghmel xoghol fil-komunita` liema xoghol kien jirrikjedi madwar tmien mili mixi fil-ghodu u filghaxija.

Illi wara hames xhur fl-MMDNA, id-Dipartiment tas-Sahha talab li jitnaqqsu n-numru ta’ nurses li kienu bhar-rikorrenti u talab ukoll li dawn in-nurses jmorru biex ikellmu lid-direttur tal-Human Resources. Illi r-rikorrenti tkellmet mad-Direttur tal-human resources u hija regghet intbaghtet kif talbet, fil-Mosta Health Centre. Illi meta r-rikorrenti marret biex tirrapporta ghax-xoghol fil-Mosta Health Centre, hija ma gietx accettata minn Nursing Officer tal-Mosta Health centre u dan fuq struzzjonijiet tas-Sur Alfred Briffa.

Illi r-rikorrenti qatt ma nghatat spjegazzjoni ta’ dawn it-trasferimenti. Ukoll minhabba dan it-trattament ir-rikorrenti ghaddiet minn tbatija psikologija u anke kellha tirrikorri ghal trattament mediku.

Illi r-rikorrenti kien bi hsiebha ggib quddiem dan it-tribunal, biex isostni l-ilmenti taghha, lix-xhieda kollha indikati fir-rikors.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li tinghata kumpens xieraq tad-diskriminazzjoni li saret maghha tul il-perjodu msemmi kif ukoll li tigi kumpensata ghall-hsara psikologika li hija sofriet kawza ta’ dan it-trattament ingust jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ kif jidhirlu xieraq dan it-Tribunal.
Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi t-transfers li nghataw lil Emily Mifsud saru skond l-esigenzi tas-servizz ta’ dak inhar, kif ukoll ai termini ta’ l-appointment taghha.

Illi rigward l-allegat nuqqas ta’ accettazzjoni fil-konfront taghha minn Alfred Briffa, ghandu jinghad illi r-rikorrenti ma setghetx toqghod il-Mosta health Centre stante illi ma kienx hemm bzonn ta’ persuni ohra fil-grad li kienet Emily Mifsud.

Ghaldaqstant l-intimat fil-waqt li gab is-suespost a formali konjizzjoni ta’ Emily Mifsud, talab lit-Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet ta’ Emily Mifsud stante li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrenti kkonfermat l-ezattezza tar-rikors taghha u ziedet li fl-1987 kienet residenti l-Mosta u dak iz-zmien ma

riditx taccetta t-trasferiment ghax hi tbati bit-'travel sickness', bl-emigranja u bl-ulcera fl-istonku u ghalhekk meta kienet tmur bil-karozza tal-linja kien ihossha hazin.

Xehed Saviour Lautier Direttur Rizorsi Umani fid-Dipartiment tas-Sahha li qal li jiftakar li r-rikorrenti li kienet kellmitu biex tghidlu li tixtieq tmur il-Mosta, peress li kellha kundizzjonijiet murija anki b'certifikat mediku. Hu qal li t-trasferiment inghata ghal esigenzi tas-servizz. Zied jghid li r-rikorrenti ghaddiet bord l-ewwel darba f' Novembru 1989 fejn il-Bord kien irrakkomanda li r-rikorrenti kienet qed tbati minn 'travel sickness' u l-Bord kien tal-opinjoni li hi setghet tirrezumi x-xoghol taghha jekk terga tintbaghat fil-Health Centre fejn kienet. Semma li r-rikorrenti regghet ghaddiet bord fl-1990 u r-rikorrenti kienet 'fit to resume duties' izda kellha tittiehed in konsiderazzjoni l-ulcera u l-emigranja peress li dawn setghu jaggravaw bi vjaggar bil-karozza tal-linja. Spjega li hi regghet ghaddiet bord fl-1991 fejn gie rakkomandat li hi kienet 'fit to resume duties', izda ghandha titpogga f'post fejn ma jkollhiex tivvjagga hafna.

Esebixxa Dok A a fol 34 tal-process fejn Alfred Briffa kien qal li fil-Mosta Health Centre ma kienx hemm vakanza peress li kien intlahaq il-'compliment'. Qal ukoll li skond ir-records Charles Borg intbaghat il-Mosta Health Centre fil-5 ta' Ottubru 1988, Simone Buhagiar intbaghtet f'Lulju 1988 ghall-Mosta Health Centre u Sharon Martinelli intbaghtet fit-28 ta' Novembru 1988 fil-Mosta Health Centre.

Xehed Alfred Briffa Manager Nursing Services fid-Dipartiment tal-Kura tal-Anzjani. Hu qal li fl-1987 kien Nursing officer. Spjega li meta jkun ser isir trasferiment tigi transfer list mill-Personnel Section tad-Dipartiment u jkun hemm l-isem ta' min ser jigi trasferit, l-ID No. u l-grad tieghu u qatt ma jkun hemm ir-raguni tat-trasferiment fuq din il-lista. Ikkonferma li l-ittra a fol 34 tal-process kitibha hu u qal li hu ddecieda hekk meta r-rikorrenti talbet li tigi lura l-Mosta Health Centre, skond il-'compliment'. Qal li Grace Bonavia gieli kellmitu, hi kienet Nursing Officer u gieli kellmitu bhan-Nursing Officers l-ohra u jiftakar

ghalkemm mhux f'dettalji fl-1991 kien sar xi diskors ma' Grace Bonavia dwar r-rikorrenti u x'roster ghandha tinghata.

Xehdet Raphaella Farrugia Principal Nursing Officer fl-MMDNA. Tiftakar lir-rikorrenti minn wiccha u tiftakar li bejn l-1982 u l-1990 hi kienet sekondata mill-MMDNA u mbaghad il-pagi, l-leave u s-sick leave kienu johorgu mid-Dipartiment tas-Sahha. Qalet ukoll li bejn l-1982 u l-1990 it-trasport lin-nurses tal-MMDNA kien jinghata jew permezz ta' karozzi impressed jew permezz tal-uzu tal-karozzi tal-linja, dan sabiex jaghmlu xoghol ta' community work. Spjegat li fl-1990 in-nurses mal-MMDNA bdew gradwalment isiru mad-Dipartiment tas-Sahha. Semmiet ukoll li x-xoghol tan-nurse kien ikun dejjem fl-istess area, kultant anki 'within walking distance' u qalet li r-rikorrenti ma kenitx 'releaved nurse' ladarba l-area taghha dejjem kienet l-istess.

Xehdet Grace Bonavia Nursing Officer fl-1987 u fl-1988 talbet trasferiment u bdiet taghmilha ta' Deputy Nursing Officer fil-Mosta Health Centre. Qalet li x-xoghol ta' Nursing Officer jikkonsisti li tmexxi s-sezzjoni kollha. Qalet li tiftakar lir-rikorrenti hemmhekk fil-Mosta Health Centre f'xi zmien u kienet mibghuta mill-MMDNA. Semmiet ukoll li tiftakar lir-rikorrenti kienet marret tkellimha flimkien ma' ohra, Josianne Zammit fir-rigward ta' x-xoghol ser jaghmlu fejn hi riedet tirrelata ma' ta' fuqha. Qalet li r-rikorrenti kienet enrolled nurse filwaqt li l-ohra kienet staff nurse. Qalet li peress li kien hemm vakanza wahda u ntbghatu zewg persuni, kien is-Sur Briffa li kien iddecieda min se jibqa'. Izda qalet ukoll li xi sena wara r-rikorrenti kienet regghet giet il-Mosta Health Centre fejn baqghet tahdem fil-kariga ta' enrolled nurse u r-rosters li nghatat ir-rikorrenti dak iz-zmien dejjem kienu skond l-istruzzjonijiet tas-Sur Briffa.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li wara l-elezzjoni tal-1987 ir-rikorrenti giet trasferita diversi drabi wara li kienet ghamlet zmien il-Clinic tal-Mosta. Irrizulta wkoll li hi kienet tbati minn diversi kundizzjonijiet medici u li l-ivjaggar kien jaghmlilha

d-deni. L-intimat sostna li l-kwantita` ta' trasfers kienu kawza tal-esigenzi tas-servizz izda b'ebda mod fil-kors tal-kawza ma spjega fiex kienu jikkonsistu dawn l-esigenzi.

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghataw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Illi ghalhekk it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf u hames mitt lira [LM1500].

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------